MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Numru. 95/2008

**Il-Pulizija**
**(Supt. Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Kevin Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kevin Saliba ta' 33 sena imwieled Pieta fl-4 ta' Mejju 1975, iben Salvu u Dolores nee Aguis, residenti No. 231 Triq Santa Liena, Sliema, detentur tal-Karta tal-Identita numru 21875(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-14 ta' Ottubru 2007 u matul l-ahhar xhur ta' qabel din id-data:

a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza

dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) u aktar talli fid-19 ta’ Mejju 2008 u matul l-ahhar granet qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina u kokajina specifikati fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib

Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

d) U aktar talli kiser il-kundizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati Malta skond l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ghall-15-il xahar, liema kondizzjoni giet moghtija lilu fid-9 ta' Marzu 2007;

e) U aktar talli ghamel reat iehor meta kien taht ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema ordni inghatat skont l-Artikolu 28 et sequitur tal-Kapitolu 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk Kevin Saliba kien taht il-perjodu operativ ta' sentenza sospiza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel fil-25 ta' Settembru 2006.

Il-Qorti giet mitluba biex barra milli tapplika l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Wara li rat illi fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2009, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih.

Wara li rat li fis-seduta tal-4 ta’ Marzu 2011, l-imputat rega’ irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih. Din l-ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet il-provi dwar il-piena,

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

**Htija**

Illi mill-provi migjuba - u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Piena**

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputazzjoni (b) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta’ jigi kommess ir-reat ta’ traffikar u bejgh tad-droga eroina.

Il-ksur tal-kundizzjoni liberata u l-ksur tas-sentenza sospiza imsemmija fit-tahrika (imputazzjonijiet (d) u (e)) gew trattati fis-sentenza ta’ din il-Qorti diverament preseduta fl-istess ismijiet deciza fit-28 ta’ Gunju 2011, u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni, li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju pjuttost bikri ta’ dawn il-proceduri, ghalkemm wiehed irid jghid ukoll li fir-rigward tal-imputazzjoni (c) l-imputat inqabad *red-handed.*

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fedina raffrettarja tal-imputat. Huwa nstab hati ghaxar (10) darbiet minn dawn il-Qrati ta’ reati principalment ta’ serq u abbuz ta’ droga. Huwa inghata opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex ibiddel hajtu, billi inghata kemm-il darba l-liberta kondizzjonata, probation orders, u anke sentenza sospiza, pero l-imputat ta bis-sieq dawn l-opportunitajiet u jidher li ma tghallem xejn, ghax anki pendenti dawn il-proceduri huwa inqabad fil-pussess tad-droga eroina u gie ikkundannat minn din il-Qorti diversament preseduta.[1]

Fil-fatt il-kaz odjern fil-verita jirrigwarda zewg incidenti separati: wiehed ta’ traffikar ta’ eroina fl-14 ta’ Ottubru 2007 u fl-ahhar xhur ta’ qabel din id-data, u l-iehor ta’ pussess aggravat – cioe pussess bl-intenzjoni li jispacca - tad-drogi eroina u kokaina fid-19 ta’ Mejju 2008 u matul l-ahhar granet qabel din id-data.

Fl-incident tad-19 ta’ Mejju 2008, l-imputat inqabad *inter alia* b’ammont nett totali ta’ 51.56 grammi kokaina li minnhom 48.27 grammi kienu ta’ purita ta’ 48.27%, u inqabad ukoll fil-pussess ta 0.56 grammi eroina.[2] Jekk wiehed jikkonsidera biss id-droga kokaina, kif inhuwa risaput f’dan il-qasam, ghal doza wahda tal-kokaina ghandek bzonn biss circa zewg milligrammi (0.2 grammi) ta’ kokaina. Ghalhekk minn semplici kalkolu matematiku jista’ jinghad li bl-ammont ta’ 51.56 grammi kokaina li kellu l-imputat huwa seta’ jaghmel mijiet ta' dozi ghall-ispacc.

Dwar l-incident tal-14 ta’ Ottubru 2007 jirrizulta li, kif ammess mill-imputat stess, kien ilu xhur ibiegh l-eroina, u mill-provi jirrizulta wkoll li l-imputat ghamel aktar minn xahar ibiegh din id-droga lil minorenni.[3]

Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta’ drogi bhala reat serjissimu, u ma huwa ebda attenwant il-fatt li dan isir minn *drug addict* biex jiffinanzja l-problema tad-

[1] Ara sentenza fl-ismijiet **Pulizija v. Kevin Saliba** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fit-28 ta’ Gunju 2011 –ezebita a fol. 76 tal-process.
[2] Ara rapport tal-Ispizjar Mario Mifsud – Dok MM1 a fol. 50 tal-process.
[3] Ara stqarrija ta’ Roderick Falzon a fol.81 tal-process – Dok PG1.

droga tieghu. Min isofri mill-problema tad-droga u/jew ghandu problemi familjari ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi l-problemi familjari, u mhux jittraffika d-droga. Il-vizzju u l-problemi ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor, u possibbilment jirvina anke zghazagh ohra.

Huwa vera li jidher f'dawn l-ahhar xhur l-imputat beda jaghmel l-almu tieghu biex jeghleb il-vizzju ta' droga u beda jaghmel programm residenzjali fi hdan l-Agenzija Caritas.[4] Pero kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq*

[4] Ara xhieda ta' Jean Cali a fol. 66 tal-process.

*il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konijizzjoni tal-imputazzjonijiet (d) u (e), issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a), (b) u (c) dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' hames (5) snin prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta' tlett elef Euro (€3,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' €893.13, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija

bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------